# Kunsill Lokali Mellieħa

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2014**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 3 |
| Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 14 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 17 |
| Ir-Rapport tal-Uditur u l-'Financial Statements' | 19 |

Is-sena 2014 kienet l-ewwel sena finanzjarja sħiħa fil-mandat tas-Seba' Kunsill. Fil-perjodu April/Diċembru 2013, il-Kunsill ra li jiġu konklużi l-proġetti mibdija mill-kunsill preċedenti f'dak li huwa xogħol fiżikament fuq il-post, u teħid ta' miżuri biex jiġi żgurat li dawn jitħarsu u jinżammu fi stat tajjeb. L-2014 kienet sena kkaratterizzata bl-introduzzjoni ta' diversi proġetti kapitali, li uħud minnhom twettqu fl-istess sena. Il-MEPA approvat diversi permessi li jvarjaw minn restawr, titjib ta' beni storiċi eżistenti u oħrajn li ser jiġu żviluppati għall-ewwel darba.

Apparti li l-attivita` f'dik li hija proġetti kapitali ġodda kienet waħda kontinwa, min-naħa l-oħra kienet ukoll inpenjattiva f'dawk li huma sejħiet għall-offerti li jinvolvu s-servizzi li obbligat li jirrendi l-Kunsill. Is-sejħiet għall-offerti li saru kienu jvarjaw minn:

- Servizzi ta' opitalita` b'rabta mal-Konferenza bit-tema *Bringing the EU Closer to the Local Communities*;
- Titjib ta' toroq użati mill-bdiewa;
- Titjib ta' aċċessibilita` fl-Uffiċċju Amministrattiv;
- Restawr u Konservazzjoni tal-Għajn tal-Mellieħa;
- Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ; u
- Sistema ta' *Architectural Lighting* madwar il-Knisja tal-Manikata;

Il-mira ewlenija tal-Kunsill baqgħet li jżomm l-infrastruttura li taqa' fir-responsabilita` tiegħu fl-aħjar stat possibbli, filwaqt li jiżviluppa postijiet ta' rikrejazzjoni ġodda bil-għan li jtejjeb il-kwalita` tal-ħajja tar-residenti. B'din l-istrateġija, il-Kunsill jemmen li għandu jattira aktar attivita` kummerċjali u hekk titjieb l-ekonomija tal-Mellieħa in ġenerali. Il-proġetti li twettqu fl-aħħar xhur, bħal dak tar-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa u l-*floodlighting* tal-Knisja tal-Manikata, fost oħrajn, huma ntiżi proprju biex jilħqu dan il-għan.

Il-Kunsill jagħmel kull sforz biex jibbenefika minn fondi ġejjin mill-iskemi sabiex jimmassimizza d-dħul tiegħu u jżid il-proġetti li jista' jimplimenta. B'hekk ikun jista' jmur lill'hinn mill-obbligi stabbiliti fil-ligi dwar il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ibbenefika minn sorsi finanzjarji, kemm governattivi lokali, kif ukoll minn programmi tal-Unjoni Ewropea.



John Buttigieg
**Sindku**

| 2.1 Il-Kunsill | Attendenza għal laqgħat |
|---|---|
| **Il-Kunsillieri** | |
| Is-Sur John Buttigieg –-Sindku | 100% |
| Is-Sur Clayton Bartolo – Viċi Sindku | 95% |
| Is-Sur Joseph Attard | 100% |
| Is-Sur Emvin Bartolo | 100% |
| Is-Sinjura Annabelle Brincat Stellini | 90% |
| Is-Sur Patrick Cutajar | 90% |
| Is-Sur Hilary Fenech | 90% |
| Is-Sur Joseph Gauci | 100% |
| Is-Sur Dario Vella | 100% |

(Note: Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill iltaqa' dsatax-il darba)

**L-Impjegati**

Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sinjura Marica Azzopardi - Uffiċjal fi Skala 11
Is-Sinjura Marvic De Bono – Uffiċjal fi Skala 15
Is-Sinjura Yvonne Muscat – Uffiċjal fi Skala 15
Is-Sur Jonathan Micallef – Uffiċjal fi Skala 15
Is-Sur Stephen Borg – Uffiċjal Eżekuttiv issekondat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Fil-bidu tal-mandat tas-Seba' Kunsill, fl-1 ta' April 2013, ġew assenjati r-reponsabilitajiet lill-Kunsillieri skont l-organigram li jidher aktar 'l isfel. Il-Kunsill ħalla wkoll ir-responsabilitajiet direttament f'idejn il-Kunsillieri ndividwali għalkemm, fejn ħass il-ħtieġa anke involva persuni 'l barra mill-Kunsill, bħal fil-każ tal-Kumitat li twaqqaf biex jirrevedi l-kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi.

Kumitat li l-ħidma tiegħu kienet waħda kontinwa minn Kunsill għal'ieħor huwa t-*Tender Adjudication Board,* li matul l-2014 ġie kkonsultat darbtejn fuq il-kuntratti ewlenin li ġew trattati. Kien hemm oħrajn li jinvolvu spiża inqas li ġew ipproċessati mill-Kunsill waħdu.

Biex ilaħħaq mal-esiġenzi amministrattivi li tinvolvi l-ħidma li dejjem qed tinfirex f'oqsma varji, b'effett minn April 2013, il-Kunsill beda jiffunzjoni bis-*set-up* li jidher hawn taħt:

**Il-Kunsill**

**Is-Sindku**

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

**Uffiċjal fi Skala 11**

**Tliet Uffiċjali fi Skala 15**

**Uffiċjal issekondat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

*Contracts Manager* fuq l-operazzjoni tal-Kunsill in ġenerali

**Sitt ħaddiema assenjati** mill-IPSL u mill-ETC

**Uffiċjal Awtorizzat** fuq materji li jinvolvu l-Infurzar tal-Liġi l

**Contract Manager** fuq il-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ

**Contract Manager** fuq Proġetti ta' *Road Resurfacing*

**Is-Sindku J. Buttigieg**

Finanzi, *Bye-Laws*, Koperazzjoni mal-Għaqdiet, Sejħiet għall-Offerti, *Chairman Adjudication Board*, estimi u pjan ta' ħidma, *Contracts Manager,* Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, trattament tal-ilmenti, *Quality Service Charter*, proġetti kapitali, Grupp Azzjoni Majjistral, Park tal-Majjistral, Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar.

**Il-Viċi Sindku C. Bartolo**

Attivitajiet popolari, programmi tal-Unjoni Ewropea, informazzjoni u konsultazzjoni pubblika, fuljett tal-Kunsill, Jum il-Kunsill, relazzjoni mal-għaqdiet tal-lokalita`, komunita` ta' residenti barranin, membru sostitut fuq il-Kumitat Reġjonali, membru fuq it-*Tender Adjudication Board*.

**Il-Kunsillier J. Attard**

Ħarġiet kulturali għall-anzjani, żvilupp u assistenza soċjali, saħħa pubblika, persuni ta' terza eta`, persuni b'diżabilita`, avvanz tal-mara, aċċessibilta`, parkeġġ speċjali, Dar tal-Anzjani, Ċentru ta' Matul il-Jum, Berġa, ċimiterji, miżuri ta' sigurta`, familja, tfal u *child care centre*.

**Il-Kunsillier E. Bartolo**

Trasport pubbliku, *bus stops, bus shelters,* sinjali u tabelli tat-traffiku, *crash barriers*, parkeġġi u skemi ta' ipparkjar, immaniġġjar tat-traffiku, reklamar fuq għamara tat-toroq, *neighbourhood watch*, Pulizija u Għassa tal-Pulizija, permessi u Gwardjani Lokali, delegat tal-Kunsill fuq il-Kumitat Reġjonali, infurzar tal-liġi, kordinazzjoni dwar il-Festa tal-Vitorja, u membru fuq it-*Tender Adjudication Board*

**Il-Kunsillier A. Brincat Sellini**

Programmi edukattivi, fora edukattivi, skola, sala tal-komunita`, librerija pubblika, Fiera tal-Ktieb, korsijiet ta' tagħlim, ġemellaġġi, servizz ta' internet Wi-Fi, Avventura Sajf (flimkien mal-Kunsillier H. Fenech); pubblikazzjoni Ħannieqa Kulturali, u attivitajiet kulturali

**Il-Kunsillier Patrick Cutajar**

Komunita` kummerċjali, *self-employed*, garaxxijiet industrijali, turiżmu, tindif ta' bajjiet u l-kosta, aċċess u sigurta` fil-bajjiet, żoni għall-ikkampjar u caravans, proġetti nfrastrutturali ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

**Il-Kunsillier Hilary Fenech**

Relazzjonijiet internazzjonali u *Youth Programmes*, żgħażagħ, Avventura Sajf (flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini), użu ta' faċilitajiet sportivi, avvenimenti sportivi u l-Animal Fest

**Il-Kunsillier Joseph Gauci**

Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Korporazzjoni Enemalta; GO plc, Melita Cable, tismija ta' toroq u numri tal-bibien, talbiet dwar devoluzzjoni, ġonna pubbliċi, *playing fields, belveders,* u tisbieħ tal-lokalita`.

**Il-Kunsillier Dario Vella**

Trejqiet rurali, żoni ta' rikjrejazzjoni fil-kampanja ħitan tas-sejjieħ, imtieħen tar-riħ, ġiren, mollijiet, *slipways*, l-ambjent, afforestazzjoni, Proġett Foresta 2000, kampanji ta' tindif, tisbieħ ta' turġien, tindif ta' toroq mhux urbani, skart domestiku, skart goff, latrini pubbliċi, vetturi abbandunati, *bring-in sites*, ħarsien tal-annimali, Proġett tat-Tunnara, restawr ta' bini storiku, *Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ, enerġija alternattiva, xelters, mużew tal-għodda tal-biedja, sajd u snajja tradizzjonali.

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport il-Kunsill kien ferm kawt li ma jidħolx f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' *cash flow* minħabba il-proġetti li ġew imwettqa bħalma kienet l-installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Ta' Taħt l-Irdum u l-parti ċentrali ta' Triq Għajn Żejtuna. F'dan il-każ, sar il-ħlas lill-kuntrattur konċernati, filwaqt li sal-aħħar tas-sena finanzjarja is-somma ta' €102,000 li kellħa tgħaddi l-MEPA mill-Fond għat-Titjib Urban (U.I.F.) kienet għadha ma ġietx mgħoddija lill-Kunsill. Proġetti oħra li kien hemm setgħu kkontribwew għat-tnaqqis ta' *cash flow* kienu r-Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa, il-Konferenza *Bringing the E.U. Closer to the Local Communities*, kif ukoll l-attivita` tal-Ewwel tas-Sena 2015. Biex inaqqas l-impatt ta' nefqiet mhux previsti, il-Kunsill applika sabiex jottjeni finanzjament mill-fond tal-*Environment Initiatives in Partnership Programme (EIPP)* tal-MEPA biex jiffinanzja parti mill-proġett tal-Għajn tal-Mellieħa, filwaqt li għamel talba lill-Bord tal-Kofinanzjament fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Ġvern Lokali sabiex tiġi rkuprata parti sostanzjali mill-ispiża li kellu jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill biex organizza l-konferenza msemmija.

**<u>Titjib ta' Toroq</u>**

Fl-2010, il-Kunsill daħal fi *private public partnership* li jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex jitwettaq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier li permezz tiegħu l-Gvern Ċentrali ffinanzja 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill qed jagħmel tajjeb għall-bqija mill-fondi ordinarji tiegħu. Għaldaqstant, il-Kunsill qed jissellef somma flus li tintradd lura fuq medda ta' disa' snin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett tlestiet f'Ġunju 2011 u swiet €379,000, filwaqt li t-tieni u l-aħħar fażi tlestiet f'Ġunju 2012 u swiet ftit aktar minn €357,000. Iż-żewġ fażijiet kienu jinvolvu l-parti bejn Triq Ta' Msid sal-Ponta tal-Aħrax. Bejn l-2015 u s-sena 2020, il-Kunsill ikun fadallu jgħaddi €104,547 lill-kuntrattur, wara li tħallsu l-pagament dovut fl-2014.

Fis-sena koperta b'dan ir-rapport saret il-kostruzzjoni ta' bankini ġodda u asfaltar mill-ġdid ta' toroq fiż-żoni Ta' Ġerbulin u Tas-Sellum li kien jinkludi Triq il-Marlozz, Triq is-Sajjieda u Triq il-Qarnit. Saret il-kordinazzjoni meħtieġa biex fl-2015 titwettaq il-fażi li tinkludi Triq il-Kaħli, Triq it-Tumbrell, Triq it-Tunnaġġ u Triq il-Klamari.

Twettqet ukoll l-estensjoni tal-*culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, bi spiża ta' €77,000

**Dwal tat-Toroq**

Fit-tieni nofs tal-2014 il-Kunsill kompla jwettaq il-programm dwar skemi ta' dwal ġodda fiż-żona ta' Santa Marija Estate bl-installazzjoni ta' seba' u erbgħin lampa ġdida fi Triq Ta' Taħt l-Irdum u l-parti ċentrali ta' Triq Għajn Żejtuna. Dan il-proġett seta jiġi mplimentat wara li nkiseb finanzjament ta' €102,000 mill-Fond għat-Titjib Urban amministrat mill-MEPA. Dan kien jinvolvi wkoll l-infrastruttura meħtieġa ta' taħt wiċċ it-triq, filwaqt li ttieħdet l-opportunita` biex ġiet imtejba l-bankina ta' Triq Ta' Taħt l-Irdum u nbena mill-ġdid *retaining wall* tat-triq li kien ċeda.

**Żvilupp ta' Postijiet ta' Rikrejazzjoni**

Il-Kunsill attwali qed jippjana l-iżvilupp ta' post ieħor ta' rikrejazzjoni fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*, preċiżament fil-qatgħa li hemm bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel. Din hija art li tappartjeni lill-Kurja, li skont il-Pjan Lokali ma tista' tintuża għal xejn ħlief għal skop ta' rikrejazzjoni. Ġie iffirmat ftehim mal-Kurja biex l-art tiġi mgħoddija lill-Kunsill b'titolu ta' *commodatum*, li ma jinvolvi ebda piż finanzjarju, ħlief għall-implementazzjoni tal-proġett innifsu u għall-manutenzjoni li tiġi wara. Dan il-ftehim sar wara li nkiseb il-permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Sadanittant, f'Lulju 2014 inħareġ il-permess tal-MEPA. Il-proġett huwa stmat li jiġi jiswa madwar €430,000.

**Ħarsien u Dgawdija tal-Wirt Storiku**

Is-sena li għaddiet sar ir-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa, liema xogħol kien jinvolvi r-rijabilitazzjoni tal-għajn infisha biex jerġa jinġieb l-ilma ġieri fil-ħwat. Biċċa xogħol oħra li ma kinitx prevista, kien it-tindif tal-mini l-antiki li kienu jieħdu l-ilma tax-xita li jinġabar mit-toroq ewlenin u minn Triq Franġisk Sciberras. Il-proġett kollu ġie jiswa €57,300. Id-differenza li għamel dan it-tindif hija enormi u wieħed issa jista'

japprezzaha jekk jgħaddi minn Triq il-Marfa waqt ix-xita. Biex dan il-post ma jerġax jisfa fl-istat li kien qabel, sar fteħim mal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina biex jagħmluha ta' kustodji billi jżommuh nadif f'dik li hija dehra, u ostakoli li jistgħu jxekklu l-passaġġ tal-ilmijiet li jgħaddu minn hemmhekk. Tajjeb li wieħed jgħid li l-Kunsill involva din l-għaqda, peress li fl-1996, kienet għamlet xi xogħol ta' tindif u restawr fuq bażi volontarja u l-interess tagħhom f'dan il-post ma naqasx.

Il-proġett tal-*heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ issa ntemm f'dak li huwa restawr. Kien hemm kuntatti bejn il-Kunsill u l-Fondazzjoni ARKEO bil-għan li din il-fondazzjoni tiftaħ dawn il-postijiet u tagħti tagħrif lill-pubbliku dwar is-sinifikat tagħhom. Din nistgħu ngħidu li hija NGO Melleħija, li wriet interess f'dan il-proġett mill-bidu nett. L-ewwel attivita` li ġibdet numru sostanzjali ta' nies fl-irżieżet li jiffurmaw parti mill-*heritage trail*, kienet f'Diċembru li għadda meta ttellgħa presepju ħaj.

**L-Uffiċċju Amministrattiv**

Fl-aħħar sentejn, il-Kunsill kien għaddej bl-estensjoni u l-attrezzar tal-uffiċċju amministrattiv u l-ispiża finali laħqet ftit iktar minn €120,000. L-ispiża totali biex ġie akkwistat il-fond telgħet għall-€245,472 li saret gradwalment fuq medda sentejn u nofs, u li tħallsu sa Diċembru 2013.

**Il-Manikata**

Il-Kunsill kien impenjat fuq l-installazzjoni ta' sistema ta' *architectural lighting* madwar il-knisja tal-Manikata li hija l-unika *landmark* tax-xorta tagħha f'pajjiżna. Is-sistema LED li ġiet installata hija aktar effiċjenti u effettiva minn dik li kien hemm qabel, illi minbarra li ma kinitx distribwita tajba, kienet tikkonsisti minn *floodlights* armati fuq l-arbli, li issa ser jiġu eliminati għal kollox. Is-sistema l-ġdida tinvolvi *fittings* armati taħt l-art u għalhekk meta wieħed imur fuq il-post jara biss is-*slots* fejn hemm id-dwal. L-ispiża fuq dan il-proġett ammontat għal €65,000.

Dwar il-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa, il-Kunsill għad irid jiddeċiedi dwar jekk huwiex ser ikompli fuq l-ideja li l-pjazza tiġi żona pedonali b'parkeġġ taħtha, jew inkella jsir xogħol ta' tisbiħ biss, filwaqt li l-istess pjazza tkun tista' tibqa' tintuża għall-ipparkjar. Hemm ukoll il-fattur tat-triq il-ġdida li ma toffrix daqshekk sigurta` illi tista' tiġi mibdula għal triq *two-way*. Din ir-raġuni tagħmilha aktar diffiċli li l-pjazza tingħalaq għat-traffiku biex ikunu jistgħu jsiru ċertu attivitajiet fiha mingħajr periklu. Għaldaqstant, il-Kunsill ser ikompli l-konsultazzjonijiet mar-residenti tal-Manikata qabel jara kif ser jipproċedi.

Fi Frar u Settembru saru laqgħat għar-residenti tal-Manikata, fejn tal-ewwel kienet dwar il-ħidma tal-Kunsill in ġenerali, filwaqt li fit-tieni waħda, ġiet trattata l-problema serja dwar il-volum tat-traffiku li qed jgħaddi minn dan il-villaġġ, kif ukoll is-soluzzjonijiet *short term* u *long term* li qed jipproponi l-Kunsill. F'Lulju l-MEPA ssanzjonat ix-xogħol li sar mill-Kunsill fi Sqaq Ħarruba fl-2007, iżda xi residenti ta' Triq il-Mejjiesa oġġezzjonaw għal dan u hekk attwalment l-isqaq ma jistax jinfetaħ sakemm jinqata' l-appell. Oriġinarjament l-isqaq kien ingħata l-konkos biex il-bdiewa jkollhom aċċess faċli għar-raba tagħhom u t-terrapien li kienu jwittu ma jibqax jinġarr bl-ilmijiet. Maż-żmien l-isqaq beda jservi ta' *safety valve* meta jeħel it-traffiku fi Triq il-Manikata. Nemmnu li t-traffiku jimxi aħjar jekk titwessa' din it-triq, filwaqt li soluzzjoni permanenti tkun il-kostruzzjoni ta' *bypass* li tgħaddi qrib il-Manikata. Saret petizzjoni li ntbagħtet lill-Prim Ministru, kif ukoll saru kuntratti diretti ma' Transport Malta dwar it-twessiegħ ta' Triq l-Manikata u l-projbizzjoni tat-traġitt b'vetturi kbar bil-għan li tittaffa l-problema. Din ta' aħħar ġiet implimentata permezz ta' infurzar mill-Gwardjani Lokali.

## <u>Il-Qasam Sportiv</u>

Ingħata kontribut fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet sportivi, bħalma hija l-Maratona tal-Atletika, fil-kompetizzjonijiet ta' sparar fuq il-plattini, il-*penalty shoot-out*, il-*league* li jsir qabel jiftaħ l-istaġun tal-futbol eċċ. Reġa ġie organizzat i*t-tournaments* tas-*Snooker* u l-*American Pool*. Sar arranġament sabiex it-timijiet tal-*basketball* u n-*netball* jagħmlu użu mill-multi-*purpose court* u d-*dressing rooms* tal-Park. It-tim tal-*basketball* ngħata l-faċilita` li juża waħda mill-kmamar li hemm taħt il-

*court*, bħala l-post fejn jiltaqa' il-kumitat tiegħu. Qed isir sforz biex individwi, lukandi u assoċjazzjonijiet sportivi jagħmlu użu mill-faċilitajiet eżistenti bi ħlas. Dan għandu jgħin biex it-tmexxija ta' dan il-post tkun waħda sostenibbli fid-dawl tal-fatt li jirrikjedi spiża konsiderevoli biex jinżamm fi stat tajjeb u jitħares mill-vandaliżmu. Inbeda xi ħaġa f'din id-direzzjoni, imma għad jeħtieġ li jingħata promozzjoni biex aktar nies ikunu jafu biħ.

Biex nevalwaw il-kontribut tagħna fil-qasam sportiv fuq il-livell nazzjonali, kemm f'dak li huwa titjib ta' infrastruttura, kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi, il-Kunsill ressaq in-nomina tiegħu għal-*Local Council Award* mogħti mill-Kumitat Olimpiku Malti. Fl-edizzjoni ta' Diċembru 2014, il-Kunsill tal-Mellieħa reġa' ġġie kklassifikat fl-ewwel post, għall-inizjattivi li ttieħdu b'rabta mat-*tournaments* tas-*Snooker*, l-*American Pool*, flimkien mal-appoġġ li ngħata biex ġew organizzati sparaturi fuq il-plattini, it-10 *Kilometre Race* fit-toroq tal-Mellieħa, il-*basketball* u n-*netball*. In-nomina tal-Kunsill għal dan il-premju kienet imsejsa wkoll fuq il-korsijiet tal-*aerobics*, *line dancing* u zumba, l-inklużjoni tad-*drifting* fl-Iljieli Melleħin, appoġġ mogħti lill-Valletta Grand Prix Foundation biex ġiet organizzata t-Thomas Smith Mellieħa Hillclimb, il-*Penalty Shootout* mal-Mellieħa Football Nursery, u s-sehem mogħti fil-Queen's Baton Relay qabel il-Commonwealth Games.

## Attivitajiet Kulturali u Oħrajn

F'Awwissu ġew mistiedna delegazzjonijiet mit-tliet lokalitajiet ġemellati ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa biex jieħdu sehem fl-Iljieli Melleħin, peress li kienu qed jieħdu sehem fil-Konferenza bit-tema *Bringing the EU Closer to the Local Communities*. F'dak li huma ġemellaġġi *per se,*` f'Settembru kien hemm il-parteċipazzjoni fl-Agia Napa Festival, fejn telgħu erba' persuni li jaħdmu l-artiġġjanat flimkien mal-Kunsilliera Annabelle Brincat Stellini. Għalkemm mhux fuq bażi ta' ġemellaġġ formali, stabbilixxejna kuntatti tajbin ma' lokalitajiet oħra ewropej oħra, fosthom dawk ta' Cugir fir-Rumanija u dik ta' Aquaviva delle Fonti fl-Italja. Fil-każ ta' Cugir, f'Settembru l-lokalita` tal-Mellieħa ġiet mistiedna tieħu sehem fil-festival folkloristiku annwali msejjaħ *Toamna Cugireana,* fejn anke hawn telgħa grupp ta' tmien persuni kompost minn artiġġjani, artisti, kantanti u mużiċist, uffiċjal mill-Kunsill, flimkien mal-

Viċi Sindku C. Bartolo. Fuq stedina tas-Sindku ta' Aquaviva delle Fonti, f'Ottubru s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għas-*Sagra Del Calzone,* li essenzjalment kienet żjara ta' familjarizzazzjoni fejn saru kuntatti dwar possibiltajiet ta' koperazzjoni kulturali bejn iż-żewġ lokalitajiet.

Fis-7 ta' Marzu ġie mfakkar Jum il-Kunsill bl-attivita` ewlenija kienet l-għoti ta' l-onorefiċenza Ġieħ il-Mellieħa lil erba' persuni, filwaqt li tlieta oħra ingħataw l-unur ta' Rikonxximent il-Mellieħa. Marbuta ma' l-istess okkażjoni kien hemm attivitajiet oħra ta' natura sportiva. Minħabba l-interess li joħloq dan l-avveniment, is-serata ta' Jum il-Kunsill ġie deċiż li dan l-avveniment jibda jsir fis-sajf fil-beraħ sabiex il-pubbliku in ġenerali jkun jista' jattendi.

F'Ġunju saret il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ u Jum l-Ambjent, filwaqt li f'Ottubru li għadda, ittellgħet attivita` *Animal Appreciation Day*, li kienet tikkonsisti f'wirjiet ta' *pets*, annimali eżotiċi*,* u attrazzjonijiet għall-familja kollha. F'Mejju ġie mfakkar Jum l-Omm permezz ta' attivita` fis-Sala tal-Iskola. Kien hemm l-*input* tal-Kunsill fil-Festa tal-Qara' Aħmar fil-Manikata u fil-wirjiet ta' vetturi kollettibbli li fil-lokalita` jeżistu diversi dellettanti tagħhom. Għat-tieni sena konsekuttiva, matul ix-xhur tas-Sajf, reġgħet ittellgħet l-inizjattiva "L-Arti fil-Misraħ" fejn numru ta' artisti, artiġġjani u mużiċisti Melleħin ingħataw l-opportunita` li jkunu preżenti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II li qed isservi ta' *platform* għalihom ħalli juru t-talenti tagħhom, filwaqt li tinħoloq attrazzjoni għall-pubbliku li jkun preżenti hemm. Ġew organizzati għaxar ħarġiet kulturali, li f'uhud minnhom anki kien hemm attendenza li laħqet 110 persuni.

Biex dawn l-attivitajiet ma jkunux ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, inkisbet għajnuna mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskemi li ġew introdotti għal dan il-għan, kif ukoll minn entitajiet privati. Il-finanzjament mill-iskemi naqas sostanzjalment u għalhekk il-Kunsill qed ikollu jonfoq aktar mill-fondi ordinarji tiegħu biex isosstni l-livell ta' attivitajiet li l-pubbliku dara bihom. Bejn Jannar u Diċembru 2014 il-Kunsill ser ikun daħħal €9,000 ġejjin mill-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali. Attivitajiet tal-kalibru bħal-Iljieli Melleħin u l-attivita` ta' nhar l-Ewwel tas-Sena jgħinu biex jitkattar il-kummerċ

billi jiġu attirati nies minn barra il-lokalita` u t-turisti li jkunu hawn fostna. Dan il-kontribut ġie rikonoxxut mid-Dipartiment tal-Kummerċ, bl-għoti tal-Premju Nazzjonali għas-Sapport lill-Intrapriżi bl-għoti tal-ewwel premju li kien jinvolvi somma ta' €10,000. Inizjattivita oħra f'din id-direzzjoni kienet it-tnedija tal-*Mellieħa Business Forum* li saret waqt seminar li sar fit-8 ta' Marzu.

Il-Kunsill qed jesperimenta fl-attivitajiet popolari ewlenin. Għalhekk, minflok l-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi, saret attivita` mużikali li permezz tagħha l-pubbliku jiltaqa' biex jiċċelebra l-bidu ta' sena ġdida f'Misraħ il-Parroċċa. F'Mejju ttellgħa għall-ewwel darba l-Festival Internazzjonali tal-Mużika bil-parteċipazzjoni ta' banda Ingliża, flimkien ma' talent lokali. Għalkemm it-tnejn saru għall-ewwel darba, ir-rispons tal-pubbliku kien inkoraġġanti.

**<u>Finanzjament ta' Inizjattivi mill-Unjoni Ewropea</u>**

Bejn is-7 u l-11 ta' Awwissu l-Kunsill ospita` l-konferenza bit-tema *Bringing the EU Closer to the Local Communities,* fejn ftit inqas minn mitt delegat mil-lokalitajiet ġemellati magħna ta' Adenau, Cavriglia, u Agia Napa u oħrajn li l-Kunsill għandu kuntatti tajbin magħhom, bħal Casalborgone, Amata u Acquaviva fl-Italja, Cugir fir-Rumanija, flimkien ma' Vecipielbalga u Rauna fil-Latvia. Dan il-proġett kien kofinanzjat mill-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* tal-Unjoni Ewropea, taħt il-programm *Europe for Citizens*.

Permezz ta' fondi li ġew allokati taħt il-Miżura 125 mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali saru tliet toroq tal-bdiewa fil-Qammieħ, f'Wied Musa u f'Ta' Msid. Il-proġett kollu sewa €34,500 li minnhom ser nirkupraw €24,000.

**<u>Ġbir tal-Iskart</u>**

Fix-xhur li għaddew, il-Kunsill bil-għajnuna tat-*Tender Adjudication Board* irreveda l-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart imħallat, peress li dan skada f'Diċembru 2014. Permezz tal-kuntratt il-ġdid issaħħaħ s-servizz f'Tas-Sellum u Ta' Gerbulin matul ix-

xhur tas-Sajf biex jinkludi l-Ħdud. Il-Kunsill jemmen li għandu jibqa' ikun hemm jumejn fil-ġimgħa li m'għandux isir ġbir ta' skart imħallat bil-għan li r-residenti jiġu nċentivati jisseparaw l-iskart.

Saret sejħa għall-proposti fost iż-żewġ skemi li jipprovdu servizz ta' skart riċiklabbli sabiex jiġi stabblit liema waħda minnhom hija l-aktar vantaġġjuża. Fil-fatt ġie deċiż li għas-sentejn li ġejjin għandu jinżamm is-servizz ta' Green MT Ltd. Dan minħabba diversi fatturi, fosthom li ma jinvolvi ebda piż finanzjarju fuq il-Kunsill, jinkludi s-servizz tal-ġbir mill-Għadira u l-postijiet fejn hemm il-*caravans* u l-*boathouses* u l-bdil tal-kontenituri li wieħed isib fil-*bring-in sites.* Hija l-fehma tal-Kunsill li l-ġranet li fihom jinġabar l-iskart riċiklabbli għandhom ikunu nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa minflok it-Tlieta u l-Ħamis, kif kienu fl-aħħar erba' snin. L-iskema li għażilna ser tipprovdi wkoll għall-ġbir bieb bieb tal-ħġieġ fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, b'effett minn Frar 2015.

## L-Edukazzjoni

Bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sar tisħib fl-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja (Lifelong Learning), li permezz tagħha kien hemm żewġ korsijiet fil-lingwa Maltija għall-Barranin. Bil-koperazzjoni ma' entita` privata, il-Kunsill issussidja korsijiet fl-użu tal-kompjuter għal nies ta' etajiet varji. Bil-kollaborazzjoni ma' entitajiet privati wkoll saru korsijiet nawtiċi, fl-*aerobics*, *line dancing* u żumba.

## Servizzi fil-Komunita`

Il-Kunsill huwa mpenjat fit-tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, kif ukoll fin-*Night Shelter* li jinsabu f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill għamel tajjeb għall-bdil tal-purtieri kollha fin-*Night Shelter*, kif ukoll għamel tajjeb għal servizz ta' tindif tal-aperturi taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Il-Kunsill kien strumentali biex ġew ipprovduti attrezzi użati mill-i*speech therapist* li tattendi fil-Berġa. Bi sħab mas-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita` u Anzjanita` Attiva tkomplew is-sessjoni tal-*keep fit* għal anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u oħrajn. Billi l-konkorrenza għal dawn is-sessjonijiet kienet

sostanzjali, infetaħ kors ieħor li qed jiġi kofinanzjat bejn il-Kunsill Lokali, il-Kunsill Malti għall-Isports u s-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva. Il-Kunsill qed jiffinanzja wkoll servizz ta' *minibus* għall-ġarr tal-anzjani minn djarhom għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u lura.

Barra minn dan il-Kunsill ikkordina l-għoti tal-injezzjonijiet tal-influwenza lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena. Ibbenefikaw minn dan is-servizz 728 persuna, li 68 minnhom kienu *bedridden*.

Kompla jingħata servizz mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali kull nhar ta' Ġimgħa mill-uffiċċju tal-Kunsill, bil-għan li wieħed ma jkollux għalfejn imur l-uffiċċju distrettwali tal-Qawra. Mis-sena 2013, beda jattendi *social worker* mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani kull nhar ta' Ħamis biex l-anzjani jinqdew mis-servizzi offruta minn dan id-dipartiment fil-Mellieħa stess.

**Il-Qasam Letterarju**

Bis-saħħa ta' finanzjament min-naħa tal-Kunsill, qed jiġu ppubblikati xogħlijiet li forsi ma kinitx din l-iniżjattiva kienu jibqgħu fuq l-ixkaffa. B'dan il-mod l-awtur qed jingħata l-inkoraġġiment meħtieġ biex ix-xogħol letterarju tiegħu jkun jista' jinqasam mal-qarrej. Fl-2014 kienu għaddejjin kuntatti sabiex tiġi ppubblikata antoloġija tal-poeta Marija Grima.

Apparti dan, il-Kunsill kompla jieħu sehem fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb li ssir f'Novembru. Din titqies bħala pjattaforma biex l-awturi Melleħin jesponu x-xogħlijiet tagħhom. Din l-opportunita` tingħata lil kull min jitlobha u għalhekk mhux neċessarjament lil dawk li l-pubblikazzjoni tagħhom tkun saret mill-Kunsill.

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | | b | a+b | c | d | (a+b)-d/d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2014 ATTWALI JAN-DIC Eur** | | **2014 MARBUTA JAN-DIC Eur** | **2014 TOTAL JAN-DIC Eur** | **2013 TOTAL Eur** | **2014 ESTIMI JAN-DIC Eur** | **VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,189,929.00 | | 0.00 | 1,189,929.00 | 1,156,515.00 | 1,033,287.00 | 156,642.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 23,818.00 | | 0.00 | 23,818.00 | 34,566.00 | 119,387.00 | (95,569.00) |
| 0090 | L-Investiment | 7,228.00 | | 0.00 | 7,228.00 | 9,029.00 | 8,200.00 | (972.00) |
| 0100 | Ġenerali | 80,626.00 | | 0.00 | 80,626.00 | 16,830.00 | 58,000.00 | 22,626.00 |
| | **TOTAL** | **1,301,601.00** | | **0.00** | **1,301,601.00** | **1,216,940.00** | **1,218,874.00** | **82,727.00** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 126,365.00 | | 0.00 | 126,365.00 | 118,784.46 | 128,281.28 | 1,916.28 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 792,831.00 | | 0.00 | 792,831.00 | 680,896.00 | 956,901.81 | 164,070.81 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 697,187.00 | | 0.00 | 697,187.00 | 768,944.00 | 978,275.00 | 281,088.00 |
| | **TOTAL** | **1,616,383.00** | | **0.00** | **1,616,383.00** | **1,568,624.46** | **2,063,458.09** | **447,075.09** |
| | **Bilanċ** | **(314,782.00)** | | **0.00** | **(314,782.00)** | **(351,684.46)** | **(844,584.09)** | **(364,348.09)** |

Noti:

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI JAN-DIC Eur | 2013 MARBUTA JAN-DIC Eur | 2013 TOTAL JAN-DIC Eur | 2012 TOTAL Eur | 2013 ESTIMI JAN-DIC Eur | VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,009,987.00 | | 1,009,987.00 | 1,002,922.00 | 1,009,987.00 | 0.00 |
| 0002 | Supplimentari | 27,195.00 | | 27,195.00 | 21,312.00 | 0.00 | 27,195.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | 34,759.00 | | 34,759.00 | 21,336.00 | 0.00 | 34,759.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 117,988.00 | | 117,988.00 | 110,945.00 | 23,300.00 | 94,688.00 |
| | | **1,189,929.00** | **0.00** | **1,189,929.00** | **1,156,515.00** | **1,033,287.00** | **156,642.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 7,064.00 | | 7,064.00 | 21,607.00 | 28,087.00 | (21,023.00) |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 7,083.00 | | 7,083.00 | 5,790.00 | 6,000.00 | 1,083.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 1,800.00 | (1,800.00) |
| 0070 | Fondi tal-Unjoni Ewropea | 9,671.00 | | 9,671.00 | 7,169.00 | 83,500.00 | (73,829.00) |
| | | **23,818.00** | **0.00** | **23,818.00** | **34,566.00** | **119,387.00** | **(95,569.00)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 7,228.00 | | 7,228.00 | 9,029.00 | 8,200.00 | (972.00) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **7,228.00** | **0.00** | **7,228.00** | **9,029.00** | **8,200.00** | **(972.00)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 79,332.00 | | 79,332.00 | 16,275.00 | 58,000.00 | 21,332.00 |
| 0141 | Insurance Claims | 1,294.00 | | 1294.00 | 555.00 | 0.00 | 1,294.00 |
| | | **80,626.00** | **-** | **80,626.00** | **16,830.00** | **58,000.00** | **22,626.00** |
| | TOTAL | **1,301,601.00** | **0.00** | **1,301,601.00** | **1,216,940.00** | **1,218,874.00** | **82,727.00** |

**Noti:**

## 4.3. L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettal

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2014<br>ATTWALI JAN-DIC<br>Eur | b<br>2014<br>MARBUTA JAN-DIC<br>Eur | a+b<br>2014<br>TOTAL JAN-DIC<br>Eur | c<br>2013<br>TOTAL<br>Eur | d<br>2014<br>ESTIMI JAN-DIC<br>Eur | d-(a+b)<br>VARJANZA MA` L-ESTIMI<br>Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **L-Infiq** | | | | | | |
| 1000 | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 10,302.00 | | 10,302.00 | 7,665.00 | 10,302.24 | 0.24 |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 85,059.00 | | 85,059.00 | 82,139.41 | 86,282.09 | 1,223.09 |
| 1300 | Bonus | 7,715.00 | | 7,715.00 | 7,507.27 | 7,714.34 | (0.66) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.00 | | 1,211.00 | 1,211.30 | 1,211.31 | 0.31 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,708.00 | | 7,708.00 | 7,454.88 | 7,710.30 | 2.30 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 1,861.00 | | 1,861.00 | 1,361.79 | 1,861.00 | 0.00 |
| 1700 | Sahra | 1,309.00 | | 1,309.00 | 1,164.81 | 2,000.00 | 691.00 |
| 1800 | L-Onorarju tal-Kunsillieri | 11,200.00 | | 11,200.00 | 10,280.00 | 11,200.00 | 0.00 |
| | | **126,365.00** | **0.00** | **126,365.00** | **118,784.46** | **128,281.28** | **1,916.28** |
| 2000 | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/iEura/tel. etc.) | 27,685.00 | | 27,685.00 | 15,310.00 | 28,990.00 | 1,305.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 5,162.00 | | 5,162.00 | 3,214.00 | 4,700.00 | (462.00) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 155,113.00 | | 155,113.00 | 140,188.00 | 252,400.00 | 97,287.00 |
| 2400 | Kera | 4,232.00 | | 4,232.00 | 4,330.00 | 4,249.00 | 17.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 922.00 | | 922.00 | 1,229.00 | 2,000.00 | 1,078.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 6,153.00 | | 6,153.00 | 4,286.00 | 7,600.00 | 1,447.00 |
| 2700 | Trasport | 2,414.00 | | 2,414.00 | 3,912.00 | 4,400.00 | 1,986.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 5,482.00 | | 5,482.00 | 353.00 | 6,300.00 | 818.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 10,930.00 | | 10,930.00 | 9,232.00 | 19,800.00 | 8,870.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 387,543.00 | | 387,543.00 | 327,359.00 | 357,200.00 | (30,343.00) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 18,447.00 | | 18,447.00 | 22,806.00 | 24,500.00 | 6,053.00 |
| 3200 | Taħriġ | 2,430.00 | | 2,430.00 | 25,407.00 | 24,780.00 | 22,350.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 126,371.00 | | 126,371.00 | 96,330.00 | 103,500.00 | (22,871.00) |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 4,796.00 | | 4,796.00 | 16,545.00 | 3,000.00 | (1,796.00) |
| 3600 | LES Spejjez tal-Infurzar Lokali | 98.00 | | 98.00 | 932.00 | 2,500.00 | 2,402.00 |
| 3700 | Progetti tal-Unjoni Ewropea | 34,120.00 | | 34,120.00 | 6,514.00 | 95,833.00 | 61,713.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 933.00 | | 933.00 | 2,949.00 | 15,149.81 | 14,216.81 |
| | | **792,831.00** | **0.00** | **792,831.00** | **680,896.00** | **956,901.81** | **164,070.81** |
| 7000 | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 0.00 | | 0.00 | 78,750.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 103,119.00 | | 103,119.00 | 89,475.00 | 230,525.00 | 127,406.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 4,841.00 | | 4,841.00 | 590.00 | 6,500.00 | 1,659.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 589,227.00 | | 589,227.00 | 600,129.00 | 741,250.00 | 152,023.00 |
| | | **697,187.00** | **0.00** | **697,187.00** | **768,944.00** | **978,275.00** | **281,088.00** |
| | TOTAL | **1,616,383.00** | **0.00** | **1,616,383.00** | **1,568,624.46** | **2,063,458.09** | **447,075.09** |

### 6.1 HSBC Bank Savings Account

| **Bank statement balance** | **€** | **82,093.30** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **82,093.30** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **82,093.30** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/14 | € | - |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **82,093.30** |

### 6.2 HSBC Bank Current Account

| **Bank statement balance** | **€** | **1,164.69** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | 17,868.35 |
| **Net bank balance** | **-€** | **16,703.66** |

| **Bank book balance as of** | **-€** | **16,703.66** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/14 | € | - |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **-€** | **16,703.66** |

### 6.3 HSBC Bank Fixed Term Account - 3 Months

| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/14 | € | - |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,234.34** |

### 6.4 HSBC Bank Fixed Term Account - 6 Months

| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/14 | € | - |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **174,703.00** |

## 6.5 BOV Savings Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **162,112.20** |
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **162,112.20** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **162,112.20** |
| Plus interest paid by 31/12/14 | | |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **162,112.20** |

## 6.6 BOV Current Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **15.03** |
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | 46,474.71 |
| **Net bank balance** | **-€** | **46,459.68** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **-€** | **46,459.68** |
| Plus interest paid by 31/12/14 | € | - |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **-€** | **46,459.68** |

## 6.9 BOV Bank Fixed Term Account - 3 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
| Plus interest paid by 31/12/14 | € | - |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,234.34** |

## 6.10 BOV Bank Fixed Term Account - 6 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
| Plus deposits made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
| Plus interest paid by 31/12/14 | € | - |
| Less charges paid by31/12/14 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **174,703.00** |

Total net balance **€646,916.84**

______________________________ Carmel Debono – **Segretarju Eżekuttiv**

**Rapport Annwali tal-Uditur – Sena Finanzjarja 2014**